# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgha 28 ta' Frar 2020**

**Numru 10**

**Rikors numru 234/19 GM**

**Annunziata Galea mart John Galea, Georgina mart Grazio *sive* Horace Caruana, u Nazzarena mart Joseph Grima, u l-imsemmija John Galea, Grazio Caruana u Joseph Grima għal kull interess li *talvolta* jista' jkollhom**

**v.**

**Carmen *sive* Marika Borg u Emanuel Borg**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-atturi appellati f'rikors tagħhom tal-15 ta' Lulju 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tawtorizża l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ġunju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi u/jew li tordna li l-appell tal-intimati mill-imsemmija sentenza jitqiegħed għas-smigħ b'urġenza;

2. B'risposta mressqa minnhom fid-9 ta' Settembru, 2019, l-intimati appellanti laqgħu għat-talbiet tal-atturi billi iddikjaraw li, safejn it-talba tirrigwarda s-smigħ mingħajr dewmien tal-appell, ma kellhom l-ebda oġġezzjoni. Madankollu, safejn it-talba tirrigwarda l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza, huma kienu qegħdin jopponuha għaliex jgħidu li din it-talba saret irritwalment ladarba l-atturi rikorrenti kienu diġà ressqu talba bħal quddiem l-ewwel Qorti u kienet ċaħditha. Jgħidu wkoll li l-atturi ma jagħtu l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti jmissha tilqa' t-talba tagħhom u tawtorizza l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza appellata. Għall-kuntrarju, l-intimati appellanti jgħixu fil-post mertu tal-każ u t-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza bl-għoti taċ-ċwievet tal-imsemmi post lill-atturi appellati jikxifhom għall-preġudizzju li jikkonsisti fl-għibien tal-privatezza tagħhom u periklu għas-sigurtà u l-inkolumità tagħhom u ta' ħwejjiġhom. Jagħlqu billi jgħidu li l-atturi ma ressqu l-ebda garanzija għall-ħlas tad-danni u l-imgħax kif jitolbu l-Artikolu 266(8) u (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

4. Rat l-atti tal-kawża safejn rilevanti għall-kwestjoni tallum;

5. Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2019, li bih ħalliet ir-rikors għal-lum għall-provvediment fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

6. Illi bit-talba tagħhom, l-atturi appellati qegħdin jitolbu li din il-Qorti twettaq provviżorjament is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ġunju, 2019, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-talbiet tagħhom biex jingħataw aċċess għall-fond bl-isem ta' "*Sunshine Nursery*", fi Triq l-Għerien il-Ħida, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, u ordnat lill-intimati appellanti li jagħtuhom kopja ta' kull ċavetta jew sokor tal-fondi kollha formanti parti mill-istess fond fi żmien tletin (30) jum, u awtorizzathom biex, f'każ li l-intimati jonqsu li jwetqu dak lilhom ordnat fis-sentenza, l-atturi jkunu jistgħu jbiddlu ċ-ċwievet tal-istess post. L-intimati appellanti jgħixu fil-post. L-intimati appellanti ressqu appell mill-imsemmija sentenza fil-21 ta' Ġunju, 2019;

7. Illi huwa stabilit li fis-sistema legali tagħna (għall-kuntrarju ta' dak li kien jgħodd sal-1963), sentenza mogħtija li ma tkunx saret ġudikat ma tistax tkun eżegwita provviżorjament jekk mhux bil-permess tal-Qorti. F'dan ir-rigward, il-Qrati qiesu li "*il-Qorti hawnhekk ma għandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi bħala regola ma jistgħux jiġu esegwiti jew xi 'desideratum' f'dan is-sens, għaliex sentenza ta' Qorti tal-ewwel grad, għalkemm mhix ġudikat, hija dejjem konklużjoni tal-Qorti fuq il-każ u tiswa iżjed minn sempliċi argumenti. Kieku ma kienx hekk ma*

[1] Rik. Nru. 870/18GM

*kinitx tinkiteb id- disposizzjoni in kwistjoni. Il-liġi… tgħid biss li s-sentenzi li ma għaddewx in ġudikat mhumiex esegwibbli minnhom innifishom u jirrikjedu dikjarazzjoni speċjali biex isiru esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar preġudizzju jekk is-sentenza ma tiġix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti għal waħda finali salv li fl-ewwel każ l-esegwibilità tkun provviżorja mentri fit-tieni tkun definitiva*"[2];

8. Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm issemma, ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza miksuba favur l-atturi appellati hija titolu eżekuttiv. Bil-fatt li l-intimati appellaw minnha, inżammet għalissa l-eżegwibbilità tagħha minħabba li l-appell iwaqqafha milli ssir ġudikat sakemm tingħata s-sentenza aħħarija jew sakemm l-intimati ma jabbandunawx l-appell tagħhom[3]. Iżda l-liġi tagħti li, fiċ-ċirkustanzi xierqa, sentenza tal-ewwel istanza li minnha jkun sar appell tista' tkun eżegwita b'mod provviżorju jekk kemm-il darba ssir talba f'dan ir-rigward minn min tkun ingħatat favurih is-sentenza appellata. Tista' ssir talba wkoll taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex tintalab l-eżekuzzjoni parzjali provviżorja ta' sentenza[4];

---

[2] P.A. **10.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa utrinque*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1033**)
[3] P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Heritage Estates Ltd vs Avukat Victor Ragonesi***
[4] App. Ċiv. **10.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Ċiappara vs Moira Ċiappara***

9. Illi dwar il-kwistjoni mqajma mill-intimati rigward ir-ritwalità tat-talba tal-lum, il-Qorti tinnota li l-atturi kienu tassew ressqu talba bħal din qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. L-ewwel Qorti ma laqgħethiex għaliex ma kinitx tressqet b'rikors imma b'talba bil-fomm waqt is-smigħ. Iċ-ċaħda tat-talba saret fis-sentenza appellata;

10. Illi l-Qorti jidhrilha li l-preġudizzjali mqajma mill-intimati dwar ir-ritwalità tat-talba tallum hija mistħoqqa. Minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher li t-talba biex sentenza tkun eżegwita provviżorjament tista' ssir jew quddiem l-ewwel Qorti (imqar jekk qabel l-għoti tas-sentenza tagħha) jew quddiem din il-Qorti jekk kemm-il darba ma tkunx saret talba bħalha quddiem l-ewwel Qorti. Jekk il-parti tagħżel li tressaq tali talba quddiem l-ewwel Qorti, ma jingħatalhiex li terġa' tressaqha quddiem din il-Qorti wkoll. Din il-fehma toħroġ mid-diversi dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu li jixhdu li l-proċedura għat-talba tal-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza huwa wieħed u ma jittenniex. Huwa minnu li l-liġi tgħid li din il-Qorti għandha s-setgħa li, fuq talba li ssirilha, tikkonferma, tbiddel jew tħassar provvediment tal-ewwel Qorti dwar l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza mogħtija minnha[5], imma dan jgħodd biss safejn l-ewwel Qorti tkun laqgħet it-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja. Il-liġi ma tgħidx li din il-Qorti

[5] Art. 266(4) tal-Kap. 12

tista’ terġa’ ssirilha talba oħra biex terġa’ tqis mill-ġdid talba bħal din jekk kemm-il darba talba oħra bħalha magħmula qabel ma tkunx intlaqgħet;

11. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tal-atturi appellati saret b’mod irritwali u ma tistax tkun meqjusa minn din il-Qorti;

**Decide**

12. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-atturi appellati biex is-sentenza appellata mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta’ Ġunju, 2019, tista’ tkun eżegwita b’mod provviżorju. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż marbuta ma’ dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb